TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 424/11/GZ

**Grace Callus**

**vs**

**Charichelon Co. Ltd.**

Illum 5 ta' Settembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-22 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' hames mitt Ewro (€500.00), rapprezentanti parti mill-prezz li hallset lis-socjeta' ntimata ghal 'tour' ta' Ruma, liema 'tour' ma kienx jinkludi dak li hallset ghalih.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija tinsab dizappuntata hafna fir-rigward tat-'tour' ta' tliet (3) ijiem f'Ruma, li hija hallset ghalih minghand is-socjeta' ntimata, u li ghalhekk qieghda taghmel din it-talba ghaliha u ghaz-zewgt itfal taghha. L-ewwelnett il-coach ma kienx dejjem 'available' ghalihom. Apparti minn hekk, it-'tour leader' kien jghaddi l-grupp minn hdejn l-'attractions' kollha minghajr ma huma kellhom bizzejjed hin f'kull post. Ilment iehor huwa fuq il-fatt illi l-grupp nha post fejn huma ma setghu jixtru xejn ghaliex il-hwienet kienu t-tip ta' hwienet illi jbieghu l-affarijiet tad-'designers' u cioe' gholjin wisq. Lanqas ma kien hemm hwienet tas- 'souvenirs' minn fejn setghu jixtru xi haga.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX. (+356) 21239888

Kellhom jimxu prattikament kullimkien allavolja l-grupp kollu kien ikun ghajjien, u dana sabiex ikunu jistghu jaraw il-postijiet indikati fuq il-lista tat-'tour' li kienu hallsu ghalih, u nonostante dan il-mixi kollu xorta wahda ma rawx l-attrazzjonijiet kollha indikati, bhal per ezempju ma rawx: 1. The Fountain of the Nymphs; 2. The Roman Forums; 3. The Arch of Constantine; 4. The Coliseum; 5. Porta Pinciana; 6. The Aurelian Walls; 7. Villa Borghese; 8. Thermes of Carcalla. Pero' mbaghad ftit postijiet li ma kienux inkluzi fil-lista nhadu jarawhom, bhal per ezempju l-monument ta' Garibaldi.

Lanqas it-'tour leader' ma kien sodisfacjenti, u ma deherx kapaci ghal dak it-tip ta' xoghol, specjalment meta kien jidher li lanqas biss kien jaf fejn kienu l-postijiet u fejn ried johodhom.

Anke l-lukanda, din ma kenitx fic-centru u l-postijiet li t-'tour leader' kien jehodhom biex jieklu kienu l-boghod wisq.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Tesponi bir-rispett:

1. Preliminarjament ghandu jirrizulta li l-entita' mharrka ma hijiex personalita' guridika izda hija l-isem li bih jitmexxa n-negozju in generali ta' diversi kumpaniji fosthom is-socjeta' Charichelon Company Limited li minghandha harget ir-ricevuta lir-rikorrenti. Ghalhekk hija din il-kumpanija li suppost tharrket bhala intimata f'dan il-kaz;

2. Preliminarjament ukoll jinghad li dan ir-rikors gie pprezentat minn Grace Callus f'isimha biss u mhux f'isem uliedha. Ghalhekk, uliedha f'dan il-kaz ma humiex parti minnu;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

4. Illi bhala fatti ghandu jirrizulta li:

i. Fit-22 ta' Lulju, 2011 Grace Callus kienet hallset l-ammont ta' €1560 lis-socjeta' Charichelon Co. Ltd. Dan sabiex tkun tista tmur tour ta' Ruma flimkien maz-zewgt uliedha.

ii. It-tluq kellu jkun fit-28 ta' Lulju, 2011 u r-ritorn lejn Malta kellu jkun tlett ijiem wara u cioe' fil-31 ta' Lulju 2011.

iii. Illi kif jidher mill-ilment taghha, r-rikorrenti ma resqet l-ebda ilment ghar-rigward ta' l-ewwel gurnata. Ghar-rigward ta' l-ilmenti l-ohra dwar it-tieni u t-tielet gurnata tat-tour, l-intimata tirrileva li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta mill-provi.

Ghaldaqstant, prevja l-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet preliminari taghha, l-intimata titlob li tigi michuda it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontriha.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn stqarret illi t-titjira kienet kollox sew. Il-problema bdiet mat-tieni gurnata minhabba li t-'tour leader' ma mexiex ma' l-itinerarju. Kellhom jimxu sabiex jaraw hafna postijiet, u anke kellhom jirkbu tal-linja fejn kellhom ihallsu ukoll. Iccarat illi l-ammont li hija qed titlob huwa ammont *pro rata*, ghaliex terz tal-hin kien mohli u ma kien hemm pjan ta' xejn.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' l-ircevuta datata 22 ta' Lulju 2011 mahruga minghand is-socjeta' ntimata ghall-ammont ta' elf hames mija u sittin Ewro (€1,560.00), li giet immarkata bhala Dok.GC1; flimkien ma' kopja ta' l-itinerarju tar-'Rome City Tour' li giet immarkata bhala Dok.GC2.

*Ir-rikorrenti ezebiet ukoll par zarbun li allegatament libset matul it-'tour' in kwistjoni animo ritirandi* waqt is-seduta, bhala prova tal-mixi kollu li kellhom jimxu.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi fuq kwalunkwe 'tour', l-ebda post ma jista' jigi rizervat. Ir-rikorrenti kienet l-unika wahda li lmentat. Dak li s-socjeta' ntimata weghdet, ghamlitu. Hija temmen illi jekk kien hemm problema tissolva fuq il-post. Il-kelma 'visit' tfisser li tghaddi minn hdejn post u din mhix xi 'guided tour'.

Is-socjeta' ntimata ezebiet affidavit tat-'tour leader' Anthony Borg, li gie mmarkat bhala Dok.AB.

Xehed Anthony Borg in kontro-ezami fejn stqarr illi huwa kien raha stramba l-attitudni tar-rikorrenti, ghaliex huwa impossibli illi wiehed izur Ruma f'jumejn u nofs. Huwa stqarr illi huwa flimkien mal-grupp ghamlu izjed mill-programm imsemmi u ghaddew minn postijiet li lanqas biss kienu fil-'brochure'. Stqarr ukoll illi certu diskors li kien qal, kien qalu b'mod 'tongue in cheek'. Meta jkun hemm certu toroq maghluqin, ovvjament ikollok tbiddel l-itinerarju. Ix-xhud kompla jghid illi huma ghamlu bil-kontra ta' dak li stqarret ir-rikorrenti, u li lanqas biss kien hemm miktub illi kienu ser jidhlu gewwa l-Colosseum.

It-Tribunal jinnota illi a bazi ta' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' ntimata, bi qbil bejn il-partijiet, l-isem ta' l-istess socjeta' ntimata qieghda tigi emedata u sostitwita bl-isem ta' 'Charichelon Co. Ltd'.

It-Tribunal qieghed jilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' ntimata.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista` qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid jaqla' lira minn fuq dar haddiehor. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u jekk ir-rikorrenti ma kenitx qieghda toqghod attenta ghall-attrazzjonijiet li kienu qed jigu ndikati lilha, flimkien mal-fatt illi fl-opinjoni taghha hija kellha timxi wisq, meta huwa fatt ben saput illi Ruma hija Belt li wiehed jista' japprezza l-iktar bil-pass, dana kien nuqqas da parti taghha u certament mhux xi nuqqas da parti tas-socjeta` ntimata. Mill-provi li ngabu, it-Tribunal huwa konvint illi ma kien hemm ebda lok ghal ilment ta' dan it-tip u in oltre qed isib it-talba tar-rikorrenti manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**